# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum iz-17 ta' Novembru, 2016.**

**Rikors Numru 152/2009 SM**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C-2833)**

**vs.**

**1. *Willsmart Limited***
**(C-26279)**

**2. Alfred u Marlene mizzewgin Williams**
**(I.D. numru 581651 (M) u 462348 (M))**
**u skont digriet datat it-2 ta' Dicembru, 2009, intervjena fil-kawza Dunstan Williams (I.D. numru 102779 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-18 ta' Frar, 2009, li permezz tieghu l-bank rikorrenti, tramite r-rapprezentant tieghu, sintetikament espona s-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi permezz ta' zewg kuntatti datati t-18 t'Awwissu, 2000, *in atti* tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon, ikkonceda facilitajiet bankarji lis-socjeta` intimata, (ara foll 5 u 12 rispettivament);

1.2. Illi s-socjeta` intimata hi ghalhekk debitrici tal-bank rikorrenti fl-ammont ta' mija u wiehed u hamsin elf, tmien mija u sitta u tmenin euro u ghoxrin centezmu, (€151,886.20), bilanc ghall-*"Loan u Overdraft Accounts"* tas-socjeta` intimata mall-bank rikorrenti, (ara foll 16 sa 19 u foll 20 sa 236);

1.3. Illi l-intimati Alfred u Marlene konjugi Williams *in solidum* mas-socjeta` intimata iggarantew id-debiti tal-istess socjeta`, u dan, kif jidher mill-imsemmija zewg kuntratti fuq indikati datati t-18 t'Awwissu, 2000, (ara foll 5 u 12 rispettivament);

1.4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-istess kuntratti fuq riferiti kif deskritt fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 2);

1.5. Illi l-intimati gew debitament interpellati biex ihallsu l-ammont minnhom dovut kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur izda baqghu inadempjenti, (ara foll 238 u 242);

1.6. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.6.1. Tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq riferiti kif deskritt fl-istess rikors guramentat promotur;

1.6.2. Tikkundanna lill-intimati biex *in solidum* ihallsu l-ammont ta' €151,886.20 lill-bank rikorrenti, bilanc minnhom dovut kif fuq deskritt;

1.6.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-istess intimati;

1.6.4. B'rizerva ghall-pretensjonijiet ohra tal-bank rikorrenti kontra l-intimati konjugi Williams;

2. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat l-24 ta' Frar, 2009, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors *de quo* ghas-smigh, (ara foll 244);

3.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimati datata s-26 ta' Gunju, 2009, li permezz taghha sintetikament irrispondew bil-mod segwenti ghat-talbiet tal-bank rikorrenti: (ara foll 253)

3.1. Illi t-talbiet tal-bank rikorrenti huma infondati;

3.2. Illi s-somma mitluba mill-istess bank ma tirriflettix il-bilanc dovut mis-socjeta` intimata;

3.3. Illi l-intimati konjugi Williams gew imharrka inutilment peress li s-socjeta` intimata ghandha x'jaghmel tajjeb ghall-bilanc dovut;

3.4. Illi s-socjeta` intimata dejjem hallset il-pagamenti minnha dovuti;

3.5. Illi kemm- il darba l-intimat Alfred Williams ghandu problemi mal-bank rikorrenti, dan m'ghandux tbaghtihom is-socjeta` intimata meta hi estranea ghall-istess;

3.6. Salv risposti guramentati ulterjuri;

3.7. Illi m'ghandhomx ibaghtu spejjez;

4.0. Illi permezz tal-istess risposta guramentata s-socjeta` intimata pprevaliet ruhha mill-istess u intavolat is-segwenti kontro-talbiet ghall-istess wara li ppremettiet is-segwenti: (ara foll 255)

4.1. Illi fl-14 ta' Lulju, 2000, il-bank rikorrenti rikonvenzjonat (minn issa 'l quddiem imsejjah il-bank rikorrenti) accetta li jaghti facilitajiet bankarji lis-socjeta` intimata fis-somma globali ta' hamsa u sebghin elf Lira Maltin,

(Lm75,000.00), maqsuma *f'overdraft* u f'self kif indikat fl-istess talba rikonvenzjonanti, (ara foll 255);

4.2. Illi l-bank rikorrenti obbliga lis-socjeta` rikonvenzjonanti, (minn issa msejha s-socjeta` intimata), biex tipproduci l-garanziji hemm ukoll indikati, (ara foll 255);

4.3. Illi l-kuntratti dwar l-*overdraft* u dwar is-self gew iffirmati fit-18 t'Awwissu, 2000, *in atti* tan-Nutar Dottor Henry Saydon, (ara foll 255);

4.4. Illi fit-12 ta' Lulju, 2002, is-socjeta` intimata accettat li taghti self lil Dunstan Williams l-ammont t'ghoxrin elf Lira Maltin, (Lm20,000.00);

4.5. Illi ghal dan il-ghan obbligat lill-imsemmi Dunstan Williams biex jeffettwa l-garanziji hemm indikati, (ara foll 255);

4.6. Illi l-partijiet *de quo* ikkonsolidaw l-istess b'att pubbliku *in atti* tan-Nutar Saydon fuq riferit, datat it-22 t'Ottubru, 2002, (ara foll 260);

4.7. Illi s-socjeta` intimata u Dunstan Williams kienu qed juzaw il-facilitajiet fil-limiti tal-ftehim mal-bank rikorrenti rigwardanti is-self *de quo*;

4.8. Illi s-socjeta` intimata kienet qed teffettwa l-pagamenti minnha dovuti lill-bank rikorrenti, u dan, b'rata mghaggla aktar mid-dovut;

4.9. Illi min-naha tieghu Dunstan Williams kien ukoll qed ihallas b'mod regolari;

4.10. Illi f'Marzu, 2003, Alfred Williams kien arrestat u tressaq il-qorti akkuzat bi frodi u misapproprijazzjoni ghad-dannu tal-bank rikorrenti;

4.11. Illi ma kien jidher li hemm l-ebda allegazzjoni fil-konfront tas-socjeta` intimata u ta' Dunstan Williams;

4.12. Illi l-uniku konnessjoni fir-rigward kienet li Alfred u martu kienu garanti tas-socjeta` intimata;

4.13. Illi f'Dicembru, 2002, il-bank rikorrenti iffriza l-kontijiet tas-socjeta` intimata;

4.14. Illi Dunstan Williams kien informat biex ma johrogx aktar cekkijiet, u li dawk li gia` kienu inhargu ma kienux ser jigu onorati, (ara foll 256);

4.15. Illi fit-30 ta' Jannar, 2003, Dunstan Williams inghata *sanction letter* mill-bank rikorrenti li indikat li dan kien inghata Lm153,876.85 f'self liema self fil-fatt qatt ma kien intalab, (ara foll 271);

4.16. Illi rizultat tal-istess il-bank rikorrenti pparalizza l-attivita` kummercjali ta' Dunstan Williams, (ara foll 256);

4.17. Illi imqieghed f'din s-sitwazzjoni, Dunstan Williams iffirma s-*sanction letter* izda, meta sussegwentement ra li l-kontijiet tieghu baqghu l-istess, irrifjuta li jidhol fis-self kif propost, (ara foll 256);

4.18. Illi l-bank rikorrenti qieghed jaghmel pressjoni indebita u abbuziva fuq is-socjeta` intimata biex din taghmel tajjeb ghad-debitu tal-intimat Alfred Williams;

4.19. Illi ghalhekk uzufruwiet ruhha minn din il-procedura biex tintavola l-kontrotalba segwenti biex titlob lill-qorti tghid ghaliex m'ghandiex:

4.19.1. Tiddikjara lill-bank rikorrenti responsabbli ghad-danni ikkawzati lis-socjeta` intimata rizultat tal-agir tal-istess bank kif fuq deskritt;

4.19.2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` intimata, akkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

4.19.3. Tikkundanna lill-isterss bank rikorrenti jhallas id-danni hekk likwidati lis-socjeta` intimata;

4.19.4. Bl-ispejjez u bl-interess legali kontra l-bank rikorrenti;

5.0. Rat ir-risposta tal-bank rikorrenti rikonvenzjonat datata l-15 ta' Lulju, 2009, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti: (ara foll 307)

5.1. Illi t-talbiet rikonvenzjonanti huma irriti, nulli u inammissibbli *stante* li s-socjeta` intimata mhix ...........xi tip ta' responsabbilita` qed tattribwixxi lill-bank rikorrenti;

5.2. Illi s-socjeta` intimata ma tispecifikax x'tip ta' danni qed tirreklama in via rikonvenzjonali;

5.3. Illi kemm- il darba s-socjeta` intimata qed tippretendi danni mhux naxxenti minn reat, l-azzjoni hi preskritta *a tenur* tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5.4. Illi kemm- il darba s-socjeta` rikorrenti qed tippretendi danni naxxenti minn reat, l-azzjoni rikonvenzjonanti hi preskritta *a tenur* tal-artiklu 2154 tal-Kap 16 fuq riferit;

5.5. Illi l-bank rikorrenti agixxa fit-termini tar-relazzjoni kontrattwali li hemm bejn il-partijiet u ghalhekk ma ikkawza l-ebda danni kontra s-socjeta` intimata;

5.6. Illi tichad li b'xi mod agixxiet illegalment jew abbuzivament, tirriserva li tagixxi fir-rigward;

5.7. Illi kwalsiasi telf riskontrat mis-socjeta` intimata hu imputabbli biss lill-istess socjeta`;

6. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat id-9 ta' Marzu, 2010, li permezz tieghu laqghet it-talba kontenuta fir-rikors datat iz-19 t'Awwissu, 2009, (ara foll 311), u awtorizzat lil Dunstan Williams biex jintervjeni fl-atti ta' din il-procedura bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 319);

7.0. Rat ir-risposta tal-intervenut fil-kawza Dunstan Williams datata t-22 ta' Marzu, 2010, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

7.1. Illi jassocja ruhhu mar-risposta tas-socjeta` intimata;

7.2. Illi t-talbiet tal-bank rikorrenti huma infondati;

7.3. Illi s-somma ta' €151,886.20 ma tirrapprezentax fedelment il-bilanc dovut mis-socjeta` intimata lill-bank rikorrenti;

7.4. Salv risposti ulterjuri;

8.0. Illi l-istess intervent juzufruwixxi ruhhu minn din il-procedura u intavola s-segwenti kontrotalba fejn sintetikament espona s-segwenti:

8.1. Illi ghall-ekonomija tal-gudizzju jinghad biss li jaghmel referenza ampja ghall-fatti kif esposti mis-socjeta` intimata fil-kontrotalba taghha, (ara foll 356 u 255);

8.2. Illi in vista tal-istess jitlob lill-qorti tghid ghaliex m'ghandiex:

8.2.1. Tiddikjara lill-bank rikorrenti responsabbli ghad-danni lilhu ikkagunati;

8.2.2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` intimata, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

8.2.3. Tikkundanna lill-istess bank rikorrenti jhallas id-danni hekk likwidati lill-istess intervenut;

8.2.4. Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-bank rikorrenti;

9.0. Rat ir-risposta guramentata tal-bank rikorrenti datata is-7 t'April, 2010, ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-intervenut fuq indikat, li permezz taghha sintetikament inghad is-segwenti:

9.1. Illi l-istess talbiet huma nulli, irriti, inammissibbli, u inattendibbli;

9.2. Illi l-intervenut *de quo* m'ghandux interess guridiku f'din il-kawza;

9.3. Illi mill-bqija, a skans ta' dilungar inutili, taghmel referenza ghar-risposta rikonvenzjonali tal-istess bank rikorrenti u tirriproduci l-istess, (ara foll 361 u 307);

9.4. Illi kwalunkwe telf li l-intervenut seta' garrab hu imputabbli biss lilu u lis-socjeta` intimata;

10. Rat in-nota tal-bank rikorrenti datata s-27 ta' Mejju, 2010, li permezz taghha ceda t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat promotur, izda zamm ferm il-kap tal-ispejjez, (ara foll 369);

11. Rat id-digriet taghha datat is-26 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 790);

12. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata *Willsmart Limited* u tal-intervenut fil-kawza Dunstan Williams datata l-14 ta' Marzu, 2016, (ara foll 791), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati Alfred u Marlene konjugi Williams datata l-15 ta' Marzu, 2016, (ara foll 812), u finalment dik tal-bank rikorrenti datata s-6 ta' Mejju, 2016, (ara foll 817);

13. Semghet lix-xhieda prodotta;

14. Ezaminat id-dokumenti ezageratament kopjuzi prodotti *in atti*, flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati sottomessi fl-atti *de quo*;

15. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi l-fatti li essenzjalment taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

16.1. Illi l-bank rikorrenti originarjament talab lill-qorti tiddikjara li s ehhew xi wahda jew aktar mill-grajjiet elenkati fil-kuntratti datati t-18 t'Awwissu, 2000, (ara foll 5 u 12), u li konsegwentement l-intimati kellhom ghalhekk ihallsu lill-istess bank il-bilanc rimanenti tal-istess self u *overdraft* tas-socjeta` intimata u tal-intimati Alfred u Marlene konjugi Williams ammontanti ghal €151,886.20;

16.2. Illi eventwalment, permezz ta' nota datata s-27 ta' Mejju, 2010, l-istess bank rikorrenti: (ara foll 369)

16.2.1. Ceda l-pretensjoni tieghu fuq riferita fir-rigward tas-sorte, (ara foll 1);

16.2.2. Zamm ferm il-pretensjoni tieghu rigwardanti l-ispejjez;

16.3. Illi min-naha taghhom is-socjeta` intimata u l-intervenut fil-kawza fuq riferiti intavolaw kontrotalba fil-konfront tal-bank rikorrenti fejn permezz tal-istess essenzjalment zammew lill-bank rikorrenti responsabbli ghad-danni minnhom hemm allegati, (ara foll 255 u 356 rispettivament);

Ikkunsidrat:

17.0. Illi analizi temporanju ta' kif zvolgew il-fatti bejn il-kontendenti jista' jigi rispekjat b'dan il-mod:

17.1. Illi permezz ta' zewg kuntratti *in atti* tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon datati t-tnejn it-18 t'Awwissu, 2000, il-bank rikorrenti ta lis-socjeta` intimata facilitajiet bankarji konsistenti rispettivament:

17.1.1. F'*overdraft* ta' Lm15,000.00; u

17.1.2. F'self ta' Lm60,000.00, (ara foll 5 u 12);

17.2. Illi ghal dawn il-facilitajiet bankarji jirrizulta li ghamlu tajjeb il-konjugi intimati;

17.3. Illi wara ammissjoni tieghu stess, l-intimat Alfred Williams instab hati ta' frodi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata t-22 t'Ottubru, 2007, (ara foll 649);

17.4. Illi konsegwenza tal-istess il-bank rikorrenti hass li l-garanzija moghtija mill-istess intimat Alfred Williams flimkien ma' martu kienet ghalhekk gravament pregudikata;

17.5. Illi ghalhekk il-bank rikorrenti waqqaf il-facilita` tal-*overdraft* precedentement moghtija lis-socjeta` intimata u kienu inbdew negozjati biex is-socjeta` intimata taghmel ajjeb ghall-obbligi li kien assuma l-intimat Alfred Williams *stante* li l-istess bank rikorrenti tilef il-fiducja li seta' kellu fl-istess intimat in kwistjoni;

17.6. Illi fid-dawl tas-suespost giet redotta *sanction letter* u iffirmata mir-rapprezentant tas-socjeta` intimata biex din tidhol garanti ghad-dejn tal-intimat Alfred Williams;

17.7. Illi pero` il-kuntratt finali fir-rigward baqa' qatt ma' gie iffirmat;

17.8. Illi l-intimati u l-intervenut isosstnu li l-agir tal-bank rikorrenti hu ekwivalenti ghal rikatt biex ipoggi pressjoni fuqhom biex dawn jidhlu garanti ghad-djun ta' l-intimat Alfred Williams;

17.9. Illi meta l-intimati ma kkoperawx, il-bank rikorrenti waqqaf il-facilita` bankarja tal-*overdraft* lilhom moghtija, u dan, minghajr pre avviz;

17.10. Illi din l-azzjoni ikkawzatilhom danni ingenti;

17.11. Illi min-naha tieghu l-bank rikorrenti isosstni li: (ara foll 449D)

17.11.1. Kellu d-dover jissalvagwardja l-assi li ghalihom hu responsabbli;

17.11.2. L-azzjoni kriminali konkluza kontra l-intimat Alfred Williams effettwat il-kredibilita` tal-intimati;

17.11.3. Dam jissaporti s-sitwazzjoni u m'agixxiex b'ghaggla fil-konfront tal-intimati;

17.11.4. Lanqas intavola mandati ta' sekwestru, qbid u t'inibizzjoni fil-konfront tal-intimati;

17.11.5. Dam sitt (6) snin qabel ma ipproceda fil-konfront tal-intimati;

17.12. Illi in vista tal-premess l-intimati ma soffrew l-ebda danni;

Ikkunsidrat:

18. Illi l-bazi tal-kontrotalba kemm tas-socjeta` intimata kif ukoll tal-intervenut fil-kawza hi li l-bank agixxa abbuzivament u illegalment fil-konfront taghhom meta f'Dicembru, 2002, ghalaq il-facilitajiet li hu kien precedentement ikkonceda lis-socjeta` intimata;

19. Illi s-socjeta` intimata issosstni li l-bank rikorrenti agixxa b'dan il-mod biex jezercita pressjoni indebita fuq l-istess socjeta` intimata biex hi tassumi djun ta' haddiehor;

20. Illi rizultat ta' dan l-agir tal-bank rikorrenti, s-socjeta` intimata issosstni li soffriet danni;

Ikkunsidrat:

21.0. Illi tenut kont tal-fatt li l-bank rikorrenti irrinunzja ghat-talbiet tieghu fil-konfront tal-intimati bl-eccezzjoni tal-ispejjez il-procedura odjerna hi allura limitata ghall-epurazzjoni tat-talbiet kontenuti fil-kontrotalbiet rikonvenzjonanti u fuq ir-risposti tal-bank rikonvenzjonat ghall-istess, u f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

21.1. Illi l-bank rikorrenti jirrispondi li t-talbiet kontenuti fil-kontrotalba tas-socjeta` intimata u tal-intervenut fil-kawza huma nulli, (ara foll 307 u 360);

21.2. Illi l-vertenza hemm riferita ssib ir-risoluzzjoni taghha b'referenza ghall-artikli 960 sa 962 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddeterminaw l-intervent f'kawza *in statu et terminis*;

21.3. Illi f'dan ir-rigward issir riferenza ghall-insenjament tal-***qorti tal-Appell (Superjuri)***, fil-kawza fl-ismijiet ***Joseph Buhagiar proprio et nomine vs. Carmel sive***

***Charles Psaila***, datata l-***31 ta' Jannar, 1996, Vol XXX (1996) Part 2 Taqsima 1 foll 339***, fejn irriteniet is-segwenti:

> "... hija pacifika d-distinzjoni fir-rwol tal-intervenut fil-kawza u l-kjamat fil-kawza. Distinzjoni nettament definita fil-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili – artikoli 960/962. Distinzjoni li ssib il-qofol taghha fil-fatt li l-kjamat in kawza, a differenza tal-intervenut, hu ikkunsidrat bhala konvenut, u jista' jigi liberat jew ikkundannat";

21.4. Ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, ghandu jkun pacifiku li l-intervenut mhuwiex intimat konvenut fil-procedura;

21.5. Illi konsegwentement issir referenza ghall-artiklu 396 tal-Kap 12 in kwistjoni, li jistipula bi kjarezza li hu l-konvenut, (illum l-intimat), li "jista' jaghmel kontro-talba kontra l-attur", (illum ir-rikorrenti);

21.6. Illi konsegwentement isegwi li gialadarba l-intervenut mhuwiex ekwiparabbli ma konvenut jew intimat, isegwi li l-intervenut fil-kawza ma jistax u mhux possibbli ghalih li jintavola kontrotalba;

21.7. Illi in vista tal-premess, l-ewwel risposta tal-bank rikorrenti rikonvenzjonat intavolata fil-konfront tal-intervenut fil-kawza Dunstan Williams ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi fuq l-allegati danni sofferti mis-socjeta` intimata jinghad sintetikament is-segwenti:

22.1. Illi din is-socjeta` intimata tallega li l-bank rikorrenti waqfilha l-kontijiet taghha u uza pressjoni fuqha biex tassumi d-djun ta' haddiehor – senjatament tal-intimat Alfred Williams;

22.2. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata soffriet danni allegatament ingenti *stante* li is-sopressjoni tal-

*overdraft* taghha mill-bank rikorrenti waqqafha milli tkompli tinnegozja fil-qasam tas-*supermarket* li kienet tiggestixxi;

22.3. Illi in effetti l-facilita` tal-*overdraft* twaqqfet f'Dicembru, 2002, (ara foll 256);

Ikkunsidrat:

23. Illi ssir riferenza ghad-decizjoni tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Gustu Debono vs. Emanuel Buhagiar*** datata l-***21 t'Ottubru, 2002***, li tghid:

> "Ghalhekk, jekk fl-uzu jew fl-ezercizzju tad-dritt jarreka hsara lil dan it-terz, huwa ghandu jwiegeb ghaliha. Hsara li ma jkunx responsabbli ghaliha jekk dak l-uzu jkun "fil-qies li jmiss", (artiklu 1030 Kodici Civili);

24. Illi fid-dawl tas-suespost, biex il-bank rikorrenti ikun jista' jigi ritenut responsabbli ghad-danni kif sollecitat mis-socjeta` intimata, trid tirrizulta xi forma ta' "htija" *stante* li kif jistabbilixxi l-***artiklu 1031 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta***:

> "... kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu";

Ikkunsidrat:

25. Illi kif jirrizulta mill-kuntratt datat it-18 t'Awwissu, 2000, il-kontendenti ftehmu is-segwenti: (ara foll 13)

> "It is agreed that the indication of fifteen thousand Maltese Liri, (Lm15,000.00), as a limit shall not imply any obligation on the part of the Bank to allow the Customer to overdraw to such figure of any right of the Customer to banking facilities up to that amount, it being understood that the total amount up to which the Customer may become indebted to the Bank shall at all times be at the absolute discretion of the Bank";

Ikkunsidrat:

26. Illi l-facilitajiet bankarji moghtija lis-socjeta` intimata huma dawk indikati fil-paragrafu numru zbatax punt wiehed u tnejn, (17.1. u 17.2.) aktar qabel);

27. Illi l-ammont li hu l-mertu tal-procedura odjerna hu dak rigwardanti l-*overdraft* – effettivament ekwivalenti ghal Lm15,000.00;

28. Illi in kawtela ghall-istess, l-intimati konjugi Williams ipotekaw il-proprjeta` immobbiljari taghhom, (ara foll 14);

29. Illi ghalhekk, kien biss in segwitu ghal din il-garanzija ipotekarja li l-bank rikorrenti ikkonceda l-istess facilita` lis-socjeta` intimata;

30. Illi sussegwentement jirrizulta li l-istess proprjeta` hekk ipotekata, senjatament hanut u mahzen it-tnejn fi Triq Wigi Rosato, Bormla, (ara foll 14), giet ipperikolata meta gie skopert li l-intimat Alfred Williams kien effettivament qieghed jiddefrawda lill-bank rikorrenti billi kien qieghed jiffabbrika dokumenti foloz rigwardanti xiri ta' hekk imsejha *"white goods",* (ara foll 649);

31. Illi effettivament l-istess intimat Alfred Williams, anke fuq ammissjoni tieghu stess, instab hati fi proceduri kriminali appoziti decizi fit-22 t'Ottubru, 2007, (ara foll 649);

32. Illi konsegwentement, il-proprjeta` tal-intimati konjugi Williams li sa dak il-mument kellha taghmel tajjeb u tiggarantixxi s-serhan il-mohh tal-bank rikorrenti biex jikkoncedi l-facilitajiet bankarji fuq imsemmija lis-socjeta`intimata, issa kellhom jaghmlu tajjeb ukoll ghall-obbligi tal-intimat Alfred Williams billi issa kellu jhallas lura s-somma minnu defrawdata ammontanti ghas-somma kospikwa ta' €456,997.00, (ara foll 652);

33. Illi meta l-bank rikorrenti gie a konjizzjoni ta' dawn l-izviluppi, baxxa l-limitu tal-*overdraft* tas-socjeta` intimata sal-ammont li din is-socjeta` kienet lahqet uzat sa dak il-mument – senjatament sa Lm10,600.00 (ara foll 217 sa 236);

34.0. Illi ghalhekk ghandu jigi sottolineat li meta l-bank rikorrenti ha l-imsemmi pass riferit fil-paragrafu precedenti dan:

34.1. Mhux biss kellu raguni valida ghal dan ghaliex kien dovut minnu li jipprotegi r-risorsi tieghu minn kull abbuz; izda wkoll

34.2. Ghaliex mexa a bazi tal-klawsola tal-kuntratt fuq citata, (ara paragrafu numru hamsa u ghoxrin, (25.), aktar qabel);

35. Illi fid-dawl tal-izviluppi fuq elenkati ghandu ghalhekk ikun pacifiku li l-proprjeta` ipotekata mill-intimati konjugi Williams fil-kuntratt *de quo* ma baqghetx aktar valida biex isservi ta' garanzija ghall-facilitajiet koncessi mill-bank rikorrenti lis-socjeta` intimata;

36. Illi din il-qorti hi sodisfatta li b'dan l-agir tal-intimat Alfred Williams il-bank rikorrenti gie pregudikat serjament *stante* li l-proprjeta` originarjament ipotekata bil-kuntratt tat-18 t'Awwissu, 2000, (ara foll 14), ma baqghetx aktar possibbli ghaliha li taghmel tajjeb ghall-facilitajiet tas-socjeta` intimata *stante* li issa irrizulta li kellha wkoll taghmel tajjeb ghar-risarciment li issa kellu jsir ghas-somma defrawdata lill-bank stess mill-imsemmi intimat Alfred Williams;

37. Illi konsegwentement kien ghalhekk, li biex jissalvagwardja l-interessi tieghu, il-bank rikorrenti kien kostrett ibaxxi l-limitu tal-facilita` tal-*overdraft* originarjament koncessa lis-socjeta` intimata;

Ikkunsidrat:

38. Illi minn ezami tar-rizultanzi *in atti*, ma jirrizulta li giet ezercitata l-ebda vjolenza, pressjoni jew prepotenza mill-bank rikorrenti fuq l-intimati;

39. Illi minflok jirrizulta li saret laqgha bejn il-kontendenti, lkoll assistiti mill-avukati rispettivi, fejn gew diskussi xi soluzzjonijiet fid-dawl tar-rizultanzi preokkupanti li zviluppaw permezz tal-procedura kriminali fuq riferita;

40. Illi jirrizulta pero` li meta l-partijiet gew biex jabbozzaw il-kuntratt ta' transazzjoni, l-intimati naqqsu li jersqu ghall-istess u kollox twaqqaf hesrem;

41. Illi kien f'dan l-istadju fejn il-bank rikorrenti "... ghamel is-snin wara is-sena 2003 meta twaqqfu l-facilitajiet jistenna li *Willsmart Limited* tirregolarizza is-sitwazzjoni taghha..." inutilment, li l-bank rikorrenti ma regax zied il-limitu tal-*overdraft* in dizamina, (ara foll 449D);

42. Illi f'dan il-kuntest issir riferenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Joseph Busuttil ghal Tessons Limited vs. Anthony Zahra***, datata l-***25 ta' Marzu, 2004***, li rriteniet is-segwenti:

> "Skont il-gurisprudenza lokali, "biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi, u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli, u li tiggenera l-biza' li tesponi ingustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal danni gravi. Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija indagini li hija mhollija internament fil-prudenza tal-qorti" - "***Aquilina vs. Farrugia"*** deciza fit-***3 ta' Mejju, 1993***, osservat li l-vjolenza bhala vizzju tal-kunsens irid ikun determinanti u jimmanifesta minacci veri u serji lill-persuna tal-komparenti jew tal-familja tieghu";

43. Illi l-allegazzjoni tas-socjeta` intimata li soffriet vjolenza morali u pressjoni indebita tirreferi ghall-laqgha li saret fl-ufficji principali tal-bank rikorrenti biex il-kontendenti jasslu fi ftehim li l-istess socjeta` intimata tiggarantixxi ghad-djun issa ingenti tal-intimat Alfred Williams, u dan, wara l-izvilupp sussegwenti li kien hemm fid-dawl tal-akkuzi ta' frodi u misapproprijazzjoni vantati fil-konfront tieghu u tal-eventwali kundanna fir-rigward;

44. Illi jirrizulta li l-idea li l-istess socjeta` intimata taghmel tajjeb ghal dan id-dejn kospikwu hekk rizultanti effettivament originat mill-istess socjeta` intimata u mir-rapprezentant legali li kien hemm qieghed jassistiha;

45. Illi ghalhekk l-allegazzjoni tal-istess socjeta` rikorrenti li intuza abbuz, prepotenza jew posizzjoni dominanti fil-konfront taghha ma tirrizultax avallata mill-fatti;

**DECIDE:**

46.0. Illi in vista tas-suespost jirrizulta pacifiku li s-socjeta` intimata ma ipprovawx it-talbiet taghha kif kontenuti fil-kontrotalba taghha, u konsegwentement:

46.1. Takkolji r-risposti tal-bank rikorrenti rikonvenzjonat;

46.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti;

46.3. Tirrespingi wkoll it-talbiet kontenuti fil-kontrotalba tal-intervenut fil-kawza bhala illegittimament intavolati u ghalhekk nulli;

46.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimati fuq riferiti.

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**